

Osservazzjonijiet Preliminari tal-QEA “Appoġġ tal-Europol għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti:

sieħeb stmat, iżda użu insuffiċjenti tas-sorsi tad-*data* u l-kejl tar-riżultati”

Twegġibiet tal-EUROJUST

Il-paragrafi 46, 67, 75 u 77

L-Eurojust tixtieq iddaħħal il-kumment li ġej: Fuq bażi *ad hoc* l-aġenziji jistgħu jiskambjaw *data* permezz ta’ SIENA. Sabiex jirrealizzaw il-benefiċċji kummerċjali tal-iskambju tad-*data*, l-aġenziji qed jaħdmu flimkien biex itejbu l-possibbiltà għal skambju aktar sistematiku ta’ *data* għall-fini ta’ detezzjoni tal-konnessjonijiet, abbażi ta’ sistema “hit/no hit”. Fuq medda itwal ta’ żmien, huwa previst aċċess tekniku aktar sofistikat, iżda dan jiddependi fuq is-sostituzzjoni pendenti tas-Sistema ta’ Ġestjoni tal-Każijiet tal-Eurojust. Barra minn hekk, l-aġenziji huma t-tnejn involuti fit-Task Force “Hit/No hit” għall-Ġustizzja Kriminali Diġitali mmexxija mill-Kummissjoni. It-task force tfittex li tindirizza l-aspetti legali, tan-negozju u tekniċi tal-iskambju tad-*data*”

Il-paragrafi 55, 56, u l-Kaxxa 5

L-Eurojust tixtieq iddaħħal il-kumment li ġej: “L-Eurojust tikkondividi l-fehma tal-QEA li l-ġbir u s-segwitu tal-azzjonijiet imwettqa matul il-Jiem ta’ Azzjoni Konġunta jistgħu jkunu aktar sistematizzati u kondiviżi bejn l-Istati Membri involuti u l-Eurojust. B’dan il-mod, kemm l-Europol kif ukoll l-Eurojust ikunu jistgħu jivvalutaw b’mod preċiż ir-riżultati u jiżguraw li l-appoġġ meħtieġ għall-kooperazzjoni ġudizzjarja jingħata għall-każijiet li jirriżultaw mill-Jum ta’ Azzjoni Konġunta. Dan jirriżulta f’katina ta’ sigurtà tal-UE aktar robusta kontra l-faċilitazzjoni ta’ traffikar tal-migranti.”

Il-Paragrafu 68

L-Eurojust tixtieq iddaħħal il-kumment li ġej: “L-Eurojust tara valur miżjud f’involvement ulterjuri fl-iskambju ta’ informazzjoni operazzjonali mal-Europol. Il-kooperazzjoni bilaterali tibbenefika minn aktar appoġġ istituzzjonali fil-parteċipazzjoni tal-Eurojust fil-laqgħat operazzjonali tat-Task Force ta’ Kollegament Konġunt.”